**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 851/2015 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Neil Falzon**

**Illum 4 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Neil Falzon, detentur tal-karta tal-identita' numru 511096(M):

Akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, fil-11 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija (08:40pm) gewwa Ryan's li jinsab fi Triq Wied Ghomor, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' David Vella, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' David Vella jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimmkien mal-piena jew minnflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni taghha innifsa taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 2 ta' Marzu 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, okkorrenza, certifikat mediku, stqarrija tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, tliet certifikati mmarkati bhala Dok DV1, DV2 u DV3, ritratti mmarkati bhala Dok AF1 u 'pendrive' immarkata bhala Dok AF2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil David Vella, Joy McKay, PS 1147 Antoine Fenech, Dr Luke Zammit, Darren Sciberras, Andrew Navarro u lil Luca Bugeja.

**David Vella** jghid li fil-11 ta' Ottubru fid-8.45 ta' filghaxija kien Ryan's meta dahal Neil Falzon, Luke Bugeja u Darren Sciberras, ittantawlu t-tfajla, Joy McKay, u pprovokawha billi offendewha u ghamlu sinjali vulgari b'idejhom, umbaghad sehh l-argument. Huwa jghid li Darren Sciberras kien johrog mat-tfajla tieghu. Vella jghid li waqt li hu u t-tfajla kienu hergin, Neil Falzon tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh u f'halqu. Huwa kompla jghid li mar l-Ghassa u l-Isptar fejn ghamlulu certifikat li ghandu hames punti f'ghajnejh u tnejn f'halqu. Meta mistoqsi, Vella jikkonferma li l-ewwel kumment sar minn Neil Falzon meta huma kienu diga fuq mejda gol-istabbiliment.

**Joy McKay** tghid li dakinhar tal-incident kienet ma' David Vella u shabha gol-istabbiliment Ryan's fuq mejda meta dahlu Neil Falzon u shabu vicin il-mejda taghhom. Hija tghid li x'hin gew biex jitilqu Luca Bejga taha daqqa ta' ponn go halqha, gew is-Security u hi hierga rat lil Neil jaghti daqqa ta' ponn lil David. Hija tistqarr li d-daqqa tahielha ghal xejn b'xejn. Joy McKay tikkonferma li hija kienet l-ex ta' Darren Sciberras u li ghalkemm kienet tarah kull nhar ta' Hadd qatt ma tkellmu, pero' lil shabu kienet tkellimhom.

**PS 1147 Antoine Fenech** jghid li wara li rcieva 'pendrive' b'filmat ta' 'pub', huwa hareg 41 'still' fejn dehret xi kommossjoni ghaddejja fl-istess 'pub'.

**Dr Luke Zammit** jikkonferma c-certifikat a fol 29 li hareg hu stesss fejn sab li l-pazjent kellu lacerazzjoni ta' madwar tliet centimetri tahta l-'eyebrow' tax-xellug u qasma ta' madwar zewg centimetri fuq in-naha tal-lemin ta' gewwa tal-halq u li ghamillu hames punti hu stess. Huwa jikkonferma li ghamilhom bhala griehi ta' natura gravi minhabba li l-qasma kienet fuq il-wicc. Dr Zammit jghid li l-firma fuq ic-certifikati a fol 30 u 31 mijiex tieghu.

**Darren Sciberras** jghid li f'Ottubru tas-sena ta' qabel kienu grupp ta' xi ghaxart'ihbieb gewwa Ryan's Paceville u meta rritorna mit-'toilet' ra li kien beda argument u kien hemm il-'bouncers' qed johorgu lil kulhadd 'il barra. Huwa jghid li ra lil David Vella mal-art hdejn il-'bouncers' izomm wiccu u t-tfajla tieghu Joy McKay tghinu mal-art. Huwa jghid li persuna bdiet tigbed 'video' u huma bdew iwaqqfuha. Meta mistoqsi huwa nnega li l-argument inqala minhabba li kien hemm min izzomm mal-Belt u min mal-Hibs, izda qal li kien hemm persuna, George, li l-'weekend' ta' qabel kellu argument ma' David u li dakinhar tal-incident kien qieghed hdejhom u rega' nqala l-argument ma' David. Meta mistoqsi Darren jikkonferma li Neil hareg 'il barra minn jheddu mhux ghax harguh il-'bouncers'. Huwa jikkonferma wkoll li kien hemm iktar minn erba' 'bouncers' madwar David, u li go Ryan's ma rax lil David bid-demm izda barra kien rah izomm ghajnejh u halqu bid-demm ma' jdejh.

**Andrew Navarro** jghid li dakinhar tal-incident kien fil-grupp ta' Neil Falzon meta dar u ra gegwigija ta' nies, mar biex jifred lil shabu, gew il-'bouncers' u hargu n-nies 'il barra, inkluz lilu, u beda niezel lejn l-Ghassa. Huwa jghid li ra tnejn minn shabu imma mhux lil Neil. Huwa jghid li gharaf lil David barra, miexi lejn l-Ghassa. Huwa jikkonferma li ma sema' xejn bhala kliem u theddid, li kien hemm l-istorbju u li gewwa kien ippakjat.

**Luca Bugeja** jghid li dakinhar tal-incident kien fil-grupp ta' Neil Falzon meta x'hin hareg mit-'toilet' jara tgegwigija shiha, dahal iferraq lil shabu, gew il-'bouncers' u hargu lil kulhadd 'il barra umbaghad gew il-Pulizija. Huwa jikkonferma li waqt l-argument lil Neil Falzon ma rahx u li ghalkemm ra lil David fit-tgegwigija ma kien ra xejn iktar.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil David Vella in kontro-ezami u lil Neil Falzon.

Fil-kontro-ezami, **David Vella** mmarka minn A sa F dawk ir-ritratti minn Dok AF1 fejn gharaf lil xi nies, u cioe' f'ritratt A gharaf tliet irgiel li kienu ma' Neil Falzon, f'ritratt B Habiba ta' Joy McKay, f'ritratt C l-gharus tat-tfajla ta' ritratt B, f'ritratt D l-istess persuna, f'ritratt E huwa stess u f'ritratt F hu u t-tfalja. Meta mistoqsi fuq ir-ritratti bil-kulur is-Sur Vella jghid li gharaf nies imma m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz u li gharafhom bhala parruccani hemmhekk.

**Neil Falzon** jispjega li f'Gunju 2015 ghal habta tat-8:40 huwa Ryan's Pub gewwa San Giljan ma shabu. Jikkonferma li uhud minn shabu telghu jixhdu l-Qorti. Neil Falzon jghid li dakinhar tal-incident, Ryan's Pub kien mimli bin-nies u waqt li kien qieghed mal-bar mal-genb, ra kommossjoni u nies hergin il'barra mill-bar. Huwa hareg barra fit-terrazzin ta' Ryan's Pub u kien hemm in-nies u konfuzjoni. Meta gie mitkellem mill-pulizija huwa qalilhom li ma kien involut f'ebda glieda u li seta' kien il-kaz li hawduh ma haddiehor ghaliex kien hemm il-konfuzjoni. Meta gie muri xi ritratti, Neil Falzon ikkonferma li gharaf lil parte civile David Vella, lil habib tieghu li jafu biss bil-laqam u cioe' l-Boqli li kien liebes qmis roza, kif ukoll gharaf lilu nnifsu li wkoll kien liebes qmis roza. Jispjega li l-pulizija setghu hawduh mal-boqli stante li kienu t-tnejn lebsin qmis roza.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datat 26 ta' Ottubru, 2017, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta l-*parte civile* David Vella, waqt li kien akkumpanjat mit-tfajla tieghu Joy Mckay gewwa Ryan's li huwa stabiliment tad-divertiment, spicca qala' daqqa ta' ponn fuq ghajnejh u fuq halqu. Skont ma' qal David Vella kien l-istess imputat li tah id-daqqa bil-konsegwenza li kellu feriti gravi u dan skont kif gie certifikat mit-tabib li ezaminah gewwa Mater Dei. Illi l-istess Joy Mckay ikkonfermat l-istess haga li kien l-istess imputat li ta d-daqqa lill-*parte civile*. Illi min-naha tal-imputat, huwa innega li b'xi mod ta xi daqqiet lill-*parte civile*. Huwa kompla zied biex jghid li huwa qatt ma kien hdejh u seta' kien hemm zball fl-indentita' tal-persuna. Ghalkemm xehdu xhieda ohrajn li kienu hbieb tal-imputat, kollha qalu li ma kienux raw lill-imputat jaghti xi daqqiet lill-*parte civile*.

**L-Istqarrija tal-Imputat:**
Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi wara din l-esposizzjoni legali dwar il-principju fundamentali tal-ahjar prova li ghandha titressaq, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Jirrizulta illi l-imputat irrilaxxa l-istqarrija wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istqarrija tieghu, liema dritt huwa ghazel li jezercitah billi kellem l-avukata ta' fiduċja tieghu fuq it-telefon. Madankollu, l-imputat ma nghatax id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu.

Sejra ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:

> "*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*
>
> *37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*"

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema kaz dik il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u izjed ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**:

> "*14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghall-inqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma' Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu.*"

Fil-kaz ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

> "*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*
> *150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
> *(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
> *(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
> *(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
> *(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
> *(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex tezamina dawn il-kriterji fil-kuntest tac-cirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi sahqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi mehudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess kaz, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-access ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija minghajr ma qabel inghata l-opportunita` li jkollu avukat prezenti u fil-kors tal-investigazzjoni gudizzjarja li sehhet wara, ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi ohrajn sussegwenti. F'dawk ic-cirkostanzi, minghajr ma nghata informazzjoni cara dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verzjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-rizultat illi ghamel stqarrijiet, li ghalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-istqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-access ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha kien instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu effettiv ta' prigunerija.

F'dan il-kaz, wara li rreferiet ghall-kaz ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda wiehed irid iqis il-process fit-totalità tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza wkoll ghad-decizjoni f'**Beuze v. Belgium** u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi taghhom wiehed ghandu jezamina l-proceduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

"*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument tal-investigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*

*21. Fil-kaz tal-lum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*
*...*
*23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodici Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*

*24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: l-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux ghax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101]."*

Fil-kaz li ghandha l-Qorti quddiemha llum, tara fuq l-insenjament tal-Qrati taghna qieghda tiskarta ghal kollox l-istqarrija tal-imputat u dan ghal fatt li ma kienx assistit minn avukat fil-mument tal-interogazzjoni tieghu.

**Il-Griehi – L-ewwel imputazzjoni**
Ghalhekk issa l-Qorti trid tara jekk fil-fatt il-griehi sofferti minn David Vella jaqghux taht l-Artikoli 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

L-artikolu 216 tal-Kap. 9:-

*(1) "L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*
*(a) jekk tista' ġġib periklu -*
*(i) tal-ħajja; jew*

> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
> *(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
> *(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
> *(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
> *(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*
> *(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il - marda, f'perikolu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża".*

Illi minn dak li qal Dr. Luke Zammit li huwa t-tabib li kien hareg ic-certifikat mediku lil David Vella wara li kien invistah gewwa l-Emergenza tal-isptar Mater Dei, ikkonkluda li l-griehi li kellu kienu ta' natura gravi minhabba li kien hemm ferita fuq il-wicc. Illi l-Qorti kif preseduta diversament fis-seduta tat-2 ta' Marzu tas-sena 2016 innotat li l-*parte civile* kellu ferita fuq il-kappell ta' ghajnejh ix-xellugija izda mhux daqshekk pronunzjati kif ukoll dak li hemm fuq ix-xoffa fuq gewwa ta' halqu jirrizultaw ukoll. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emily Zarb*** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar il-15 ta' Frar 1958)* gie ritenut illi:-

> *"F'materja ta' offizi fuq il-persuna, hemm sfregju anki jekk ic-cikatrici tkun sfregjanti, cjoe' tkun taghti fil-ghajn minn distanza normali. Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici".*

Illi fil-każ ***Il-Pulizija vs Fortunata Sultana***, (deciza fil-5 ta' Frar 1998), il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid dwar sfregju li jkun sar fuq il-wicc:

> *"Skond l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali."*

Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli*** deċiża fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

> *"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Imbaghad fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Spagnol*** deciza fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:

> *Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollez.Deciz. XLII.iv.1245, 1248).*

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich*** deciza fit-2 ta' Settembru 1999:

> *Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali.*

Illi minn dak li ntqal hawn fuq rigward l-insenjament tal-Qrati taghna, jidher bic-car li l-feriti li kellu David Vella jaqghu taht l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk hawn il-Qorti trid tifli l-provi dwar jekk kienx l-istess imputat li ta d-daqqa lill-*parte civile* bil-konsegwenza tal-feriti li huwa sofra. Illi David Vella u Joy Mckay baqghu jghidu fix-xhieda taghhom li kien l-imputat li ta d-daqqa. Min-naha l-ohra xhieda ohra li huma hbieb tal-imputat ma qalu xejn li kien l-imputat li ta d-daqqa hlief ghal wiehed minnhom li ra lill-*parte civile* fl-art imdawwar bil-bouncers u jzomm wiccu bit-tfajla tieghu Joy Mckay hdejh.

Illi din il-Qorti rat ukoll il-filmati li gew esebiti. Illi l-glieda jew il-kommossjoni ma dehritx fl-istess filmat ghalkemm kien jidher bic-car li l-bouncers hargu diversi nies 'il barra mill-istabiliment. Illi ghalkemm l-imputat jghid li huwa hareg minn jeddu (u dan konfermat mill-istess filmat) ma qal xejn fix-xhieda tieghu li huwa ta xi daqqa lil xi hadd. Illi ta x'jifhem fix-xhieda tieghu li kienet kwistjoni ta' mistaken identity min-naha tal-Pulizija. Illi pero ghandu jinghad mill-ewwel li kien il-parte civile li identifikah bhala l-aggressur u mhux il-Pulizija li gabruh mill-folla tan-nies. Illi ghalhekk il-Qorti ma temminx li kienu l-Pulizija li gabru l-persuna zbaljata meta ghandek vittma ta' agressjoni li indentifika lill-imputat.

Illi kif inghad din l-aggressjoni saret wara li l-*parte civile* inharget barra u mhux tidher mill-filmat. Kien jidher car li David Vella ma kellux feriti fil-mument li hareg barra bil-bouncers mieghu. Illi tenut kont tal-fatt li verzjoni ta' David Vella hija aktar kredibbli u korroborata minn tal-istess Joy Mckay li spiccaw fil-mira ta' aggressjoni mill-imputat u ta' persuna ohra. Illi l-Qorti mhux qieghda tara raguni ghala minn tant nies li kienu fuq il-post kellhom jindikaw lil Neil Falzon bhala l-persuna li aggredixxa lill-*parte civile.* Illi ghalkemm fil-filmat ma tidhirx l-aggressjoni dan ma jfisser xejn li ghalhekk l-aggressjoni ma saritx jew inkella li David Vella ma setghax jaghraf lill-imputat. Illi lanqas din il-Qorti ma tista tara x'kienet ir-raguni li l-istess imputat prova jitfa l-htija fuq persuna ohra li skont hu kienu libsin l-istess kulur tal-qmis. Illi ta' min jinnota li fir-rapport tal-istess Pulizija li gie esebit fl-atti jidher bic-car li l-imputat mill-ewwel semma lill-istess imputat u zgur mhux kwistjoni ta' *mistaken identity.* Illi ghalhekk din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova din l-imputazzjoni kontra l-imputat.

**It-Tieni imputazzjoni – l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi t-tieni imputazzjoni hija dak li hemm taht l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-ksur tal-paci pubbliku b'ghajjat u storbju. Illi fis-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Spiteri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imhallef Vincent Degaetano nhar l-24 ta' Mejju 1996 qalet hekk:

> *"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m)."*

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza kif migjuba kontra l-imputat u cioe' dak tar- reat kontravvenzjonali tal-ksur ta' paci u bon ordni fil-pubbliku skont id-dettami tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali nghad mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marianne Abela u Joseph Sant**, deciza nhar il-25 ta' Lulju 1984.

> *"L-artikolu 352 (bb) (illum 338(dd) tal-Kodici Kriminali) gie kostantement interpretat li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu fic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali; u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazjoni ma jiksirx il-ligi. L-uzu tal-kelma "volontarjament" ghandha tfisser illi jkun fl-imputat il-koxxjenza almenu li l-att tieghu jkollu l-potenzjalita' li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wiehed ikun fit-telfa ta' glieda."*

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**" [it-23 ta' Gunju tas-sena 1994] imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet "**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**." kien qal hekk :-

> "Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-

> *"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when*

> *abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .*

u dik il-Qorti ziedet tghid li :-

> *"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*
>
> *"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-

> *"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).*

Illi mix-xhieda mghotija mill-*parte civile* u Joy Mckay fix-xhieda taghhom, hadd minnhom ma qal li kien hemm xi ghajjat u storbju gej min-naha tal-imputat. Illi ghandu jinghad li dan l-argument sehh fil-vicinanzi ta' post ta' divertiment li kien hemm ghadd ta' nies u storbju ta' muzika ghaddejja. Illi ghalhekk anki jekk kien il-kaz, kienet tkun xi haga impossibbli li tisma jekk l-ghajjat setghax kien gej mill-imputat jew minn xi haddiehor. Illi pero hadd mix-xhieda ma qal li kien hemm ghajjat gej minn naha tal-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi ma tistax issib hati lill-imputat ta' din l-imputazzjoni.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 214, 216, 338 (dd), 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha, u tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija; izda wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ta' prigunerija m'ghandiex tibda ssehh hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fi zmien tlett snin (3) mil-lum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita' tiegħu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**